**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Ġurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 126/2020 fl-ismijiet:-

Mary Xuereb et

Vs

Saviour Cassar et

Illum 11 ta' Marzu 2021,

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentata fit-03 ta' Frar, 2021 minn Saviour Cassar, Flavia Cassar u Claudio Cassar, fejn dawn talbu lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrendixxi l-mandat billi tezisti garanzija ohra u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12. Jitolbu wkoll li l-Qorti thassar l-mandat billi l-ammont pretiz ma huwiex gustifikat jew huwa eccessiv u dan ai termini ta' l-Artiklu 836(1)(d) tal-Kap 12 kif ukoll ghax ma hux gustifikat li l-mandat jibqa fis-sehh billi la hu gustifikat u lanqas necessarju u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f). Huma jitolbu qkoll li l-Qorti tikkundanna lis-sekwestranti Mary Xuereb et sabiex thallas il-penali u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b)(c) u (d).

Rat l-atti kollha kif ukoll id-dokumenti kollha prodotti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Dan huwa rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 126/2020 li nhareg minn Mary Xuereb et minn issa `l quddiem – is-sekwestranta- biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra Saviour Cassar, minn issa `l quddiem is-sekwestrati.

Is-sekwestrati fir-rikors taghhom jghidu illi huma nies fin-negozju, qatt ma kellhom problemi u dejjem hallsu d-debiti dovuti minnhom. Jkomplu jghidu illi huma sidien ta diversi propjetajiet li huma hielsa u ma humiex ipotekati. Finanazjarjament huma b'sahhithom u ghlahekk ma hem l-ebda htiega illi l-mandat ta sekwestru jibqa fis-sehh. Talbu ghalhekk it-thassir tal-mandat kif ukoll li tikkundanna lis-sekwestranta thallas il-penali.

### Konsiderazzjonijiet ta' Dritt

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-artikolu 836 (1)(c),(d) u (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:

*"836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il- kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn irragunijiet li gejjin:*

*(c) jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-attkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att*

*kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;,*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatroju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun adita mill-procediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li ghad trid tkun deciza minnha stess fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha fil-kawza dwar il-mertu. Ghalhekk fi procedura ta` din ix-xorta, qorti m`ghandhiex tidhol f`konsiderazzjonijiet dwar il-mertu, izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka in toto jew in parte tal-Mandat. Ghandha taghmel dan propju ghaliex il-procediment odjern huwa ghal kollox distint mill-kawza dwar il-mertu, kif ukoll ghaliex il-gudikant li jkun ser jipprovdi dwar it-talba ghar-revoka tal-Mandat se jkun l-istess gudikant li finalment ikun irid jiddeciedi l-kawza fil-mertu.

Inghad illi "*Il-Qrati ennuncjaw principji mportanti fir-rigward ta` kawzi dwar revoka ta` Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie.*" [1]

Inghad ukoll li "*mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u*

[1] Conrad Borg vs de La Rue (15 ta` Lulju 2015) kif ukoll Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et, deciza tas-26 t`April 2002

*ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."* [2], [3]

Din il-Qorti tishaq li l-konkluzjoni illi sejra tasal ghaliha fil-procediment tal-lum bl-ebda mod m`ghandha tiftiehem bhallikieku tikkostitwixxi gudizzju ta` xi xorta dwar il-mertu tal-kawza, ghaliex l-istharrig mehtieg fi proceduri ta` din ix-xorta huwa marbut ma` ezami x`aktarx formali ta` l-att li tieghu qeghda tintalab ir-revoka. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Kummerc[4], dak li qorti tkun trid taghmel huwa li taccerta ruhha li r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu, u kif ukoll taccerta ruhha li l-att ma jkunx hareg abbusivament.

F'dan l-istharrig li qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin. Dawn huma :

a) **illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza ;**

**b) illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti**[5].

Fid-dawl ta dan kollu jmiss li l-Qorti issa tghaddi sabiex tqis it-talbiet tas- sekwestrati.

Tinnota fl-atti tal-mandat gew ipprezentati numru konsiderevoli ta dokumenti mis-sekwestrati sabiex juru illi huma ghandhom diversi propjetajiet. Il-Qorti pero tirrileva illi minkejja li huma jsostnu li huma nies floridi u li dejjem hallsu id-djun taghhom pero fil-kaz odjern irrifjutaaw illi jiddepozitaw fil-Qorti is-somma reklamat mis-

[2] Camilleri vs Gove et deciza fl-10 ta' Mejju, 2001

[3] L-istess principji gew imhaddna fis-sentenzi Emanuel Sammut vs Josephine Sammut" deciza fil- 5 ta` Gunju 2003 u "Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti" deciza 27 ta` Gunju 2002

[4] Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et, deciza fit- 23 ta` Gunju 1994

[5] Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited, Pri Awla, deciza fil-5 ta` Gunju 2007

sekwestranti. Barra minnhekk jirrizulta wkoll li s-sekwestrati ghandhom ipoteki li ghadhom fis-sehh u dan ghal ammonti sostanzjali.

Rigward l-argument illi l-ammont reklamat mis-sekwestranti huwa eccessiv, is-sekwestrati ma gabu l-ebda prova ghall- kuntrarju sabiex din il-Qorti tkun f'pozizzjoni tevalwaha *prima facie*.

Lanqas ma jirrizulta li t-talba ghal hrug tal-mandat saret b'malizzja jew li hija frivola jew vessatorja u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tas-sekwestrati.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal motivi gia espressi l-Qorti tichad it-talbiet tas-sekwestrati.

Tordna li l-ispejjez ghandhom jkunu a karigu tas-sekwestrati.

Moghti kameralment illum 11 ta' Marzu, 2021.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur